A.L. 307 ta' l-2004

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (Income minn Investiment)

BIS-SAĦĦA tal-setgħat mogħtija bl-artikoli 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 55 ta' l- 2001.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Żjieda ta' regolament 16 mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"UCITS. 16. Għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment ta' l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu, "skema ta' investiment kollettiv" tinkludi impriża għal investiment kollettiv f'ishma trasferibbli awtorizzat skond "id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/EEC tal-20 ta' Diċembru, 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi marbutin ma' impriżi għal investiment kollettiv f'ishma trasferibbli (UCITS)" kif emendat u fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 u kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien.".